TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1906

KAZ. 2531

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rita Fabri

u

Zammit & Pace Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

9 ta' Frar, 2009

Chairman : George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'rikors fil-Qorti prezentat fis-17 ta' Settembru 2007.

It- Tribunal zamm sitt seduti.

Rita Fabri , aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Joseph Zammit Maempel u Zammit & Pace Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Joseph Pace assistit mill-Avukati Kevin Deguara u Tonio Cachia.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Kumpanija qalet li t-tkeccija kienet gusta u skond il- ligi ghaliex l-appellant arbitrarjament, minghajr ebda gustifikazzjoni u bla ma avzat il-*management,* kif mistennija taghmel skond il-proceduri, ma attendietx ghax-xoghol ghal tlett ijiem konsekuttivi. Barra minn hekk anqas ma ghaddiet xi certifikat mediku jew xi forma ta' prova ohra biex tissustanzja l-allegazzjoni li kienet marida.

L-appellant qalet li fit-28 ta' Gunju 2007, wara li spiccat mix-xoghol hasset ugih qawwi fi drieghha tal-lemin u dan zdiet ma tul il-lejl. L-ghada, festa pubblika, marret il-poliklinika fejn it-tabib qallha li kellha nfjammazzjoni tan-nerf u pprerskriva xi pilloli. Ghalkemm qallha li ma kiénetx tajba ghax xoghol ghamillha biss certifikat ta' attendenza ghaliex fil-festi ma jinhargux certifikati ghal-finijiet tax-xoghol u ssuggerilha li tara it-tabib tal-familja. Il-gurnata ta' wara, 30 ta' Gunju, marret ghand it-tabib tal-familja li ikkonferma dak li sab it-tabib tal-poliklinika u ghamel certifikat mediku li ma kienetx tajba ghax-xoghol sat-3 ta' Lulju .

Wara l-vista fil-poliklinika fjd 29 ta' Gunju baghtet SMS lis-superjura taghha, is-*Supervisor* Alison Attard, biex tinfurmha bis-sitwazzjoni u din wiegbet b'SMS li kienet irrangat *replacement* ghaliha fil-persuna ta'Annabelle Camilleri u li kienet se tinforma lid-direttur.. Fil-fatt id-direttur tal-Kumpanija Noel Zammit fit-8.00 a.m. tat-30 ta' Gunju ikkonferma lill-din li kienet se tahdem minflok l-appellant li rrappurtat *sick*.

L-appellant qalet ukoll li mtlew tlett ETC *Forms* b'raguni differenti ghat-tkeccija ; wahda *lack of work*, ohra *resigned* u l-ohra *dismissed.* Hi qatt ma ghaddiet proceduri dixxiplinarji u qatt ma nghatat xi warning.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

- l-appellant kienet marida, kif certifikat mit-tabib, fil-granet li ma attendietx ghax-xoghol ;
- hi nfurmat lis-superjura taghha, Alison Attard, b'SMS li kienet marida u din wiegbitha li kienet se tinforma d-direttur u li kienet sabet *replacement* ghaliha ;
- din qalet li aktar tard cemplet lill-appellant li ma kienetx se tinforma d-direttur hi u ghandha tghidlu l-appellant. Izda ghalkemm hemm *record* tal-Vodafone dwar il-messaggi, forma ta' SMS, bejn Alison Attard u l-appellant li jikkonfermaw dak li qalet l-appellant ma hemm ebda *record* ta xi telefonata ;
- Alison Attard ikkonfermat fix-xhieda taghha li kienet qalet lid-direttur fit-30 ta' Gunju li l-appellant kienet irrappurtat *sick* ;
- il-Kumpanija tghid li harget tlett *warnings* lill-appellant, wahda ghal kull gurnata li ma attendietx, izda dawn hargu f'daqqa, ntbaghtu f'envelope wiehed, f'indirizz hazin u eventwalment waslu ghand l-appellant madwar gimghatejn wara t-tkeccija ;
- l-appellant qatt ma ghaddiet proceduri dixxiplinarji u qatt ma nghatat xi *warning* qabel it-tkeccija.

Patrick Hall, li kien jiehu hsieb l-*accounts* tal-Kumpanija, xehed li s-Sibt id-direttur qallu li l-appellant ma marretx ghax xoghol u ma cemplitx u li, jekk ma tergax tmur it-tnejn se jkeccija. Hu wiegbu li qabel ma jaghmel hekk hemm procedura li ghallinqas itiha *warning.* Bhala rizultat hargu tlett *warnings* ,wahda ghal kull gurnata li ma attendietx, izda kif intqal aktar il-fuq dawn ma waslux ghand l-appellant qabel ma tkecciet.

Fil-fatt dawn kienu tlett *warnings* ghall-istess nuqqas, dak li ma nfurmatx lid-direttur kif inhi l-prassi skond il-Kumpanija, u li ghalihom l-appellant ma nghatatx l-opportunita biex tati l-verzjoni taghha.

It-Tribunal ikkonsidra li l-appellant kienet marida meta ma attendietx ghax-xoghol, li nfurmat il-Kumpanija permezz tas-superjura taghha u li din nfurmat lid-direttur. Jekk naqset milli tosserva prassi li tinforma personalment lid-direttur dan ma kienx nuqqas ta' tali gravita li jimmerita tkeccija u ghall-ewwel offiza twissija kienet tkun aktar ragonevoli. Barra minn hekk l-appellant kellha tinghata l-opportunita li tiddefendi ruhha.

Dan it-Tribunal diversi drabi sostna li t-keccija mill-impieg hija l-aktar piena harxa u ma ghandiex tinghata hlief f'kazi ta' nuqqasijiet serji hafna. Ukoll li qabel tinghata piena, u partikolarment dik estrema ta' tkeccija, impjegata ghanda tinghata opportunita xierqa biex tiddefendi ruhha. F'dan il-kaz il-Kumpanija naqset serjament fiz-zewg istanzi.

It-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma saretx ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi. Ikkonsidra li l-kaz gara ghaliex l-appellant ma osservatx korretement proceduri dwar rappurtagg ta' mard. Ghalhekk qed jillimita l-kumpens u jordna li l-Kumpanija thallas lill-appellant l-ammont ta' 1200 euro (elf u mitejn ewro). Dan il-pagament ghandu jsir fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi l-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mill-partijiet u limitazzjoni ta' facilitajiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro (tlieta u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

9 ta' Frar 2009

Mary Rose Galea
Segretarja